# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Frar 2001

**Numru 91**

**Citaz. numru 438/93 DS**

George u Georgina mizzewgin Sciberras u l-istess George Sciberras bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu
vs
(1) Josephine mart Leonard Spiteri minnu assistita u l-istess Leonard Spiteri bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, (2) Roseanna mart Emmanuel Cassar minnu assistita u l-istess Emmanuel Cassar bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, (3) Mary Astrid mart George Zarb minnu assistita u l-istess George Zarb bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u (4) George Mizzi

Illum, 13 ta' Frar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' April 1993 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-atturi ghal bosta snin qabel il-mewt taghha fit-2 ta' Lulju 1990 irrendew servigi lil Grazzja armla ta' George Borg, omm l-attrici Georgina Sciberras u l-konvenuta Josephine Spiteri u nanna materna tal-konvenuti l-ohra, u li taghha huma l-eredi;

Illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati anke ufficjali biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tas-servigi baqghu inadempjenti;

talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi pprestaw servigi lill-imsemmija Grazzja Borg u li ghalhekk huma intitolati ghal-kumpens;

2. tillikwida, okkorrendo bl-operat ta' perit nominandi, l-ammont dovut lill-atturi in linea ta' kumpens ghas-servigi minnhom rezi, kif fuq inghad;  u

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 1992, kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josephine mart Leonard Spiteri fejn qalet:

Illi l-azzjoni hija irritwali peress li r-ragel tal-eccipjenti huwa l-persuna legittima fil-kwalita tieghu tal-Kap tal-Komunjoni tal-Akkwisti biex jikkontesta dina l-istanza u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess, l-azzjoni hija wkoll irritwali peress li din l-istanza tispetta lill-attur fil-kwalita tieghu ta' "kap tal-komunjoni tal-akkwisti liema kwalita guridika l-atturi naqsu li jindikaw fl-azzjoni taghhom.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt kemm ghaliex ma hemmx dritt ghas-servigi meta r-relazjoni bejn min jippresthom u dak li jircevihom hija bejn omm u t-tfal kif ukoll ghaliex l-atturi ma pprestaw ebda servigi lill-omm l-atturi kif qeghdin jippretendu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Astrid mart George Zarb u l-istess George Zarb fejn qalu:

1. Illi preliminarjament il-konvenuta ma jisimhiex "Astrid" izda Mary Astrid u ghaldaqstant ghandhom isiru l-korrezzjonijiet kollha mehtiega ;

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, l-azzjoni kif proposta hija irritwali peress li ma giex specifikat l-interess u l-kwalita gjuridika tal-attur George Sciberras;

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, l-azzjoni kif proposta hija irritwali peress li ma giex specifikat l-interess u l-kwalita gjuridika tal-konvenut George Zarb, ir-ragel tal-konvenuta "Astrid mart George Zarb";

4. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-atturi ma pprestaw l-ebda servigi skond il-Ligi, lil Grazzja Borg, omm l-attrici;

Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Roseanna mart Emmanuel Cassar u l-istess Emmanuel Cassar fejn qalu:

1. Illi l-azzjoni kif proposta hija irritwali peress li ma giex specifikat l-interess u l-kwalita gjuridika tal-attur George Sciberras;

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, l-azzjoni kif proposta hija irritwali peress li ma giex specifikat l-interess u l-kwalita gjuridika tal-konvenut Emanuel Cassar, ir-ragel tal-konvenuta "Roseanna mart Emanuel Cassar";

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-atturi ma pprestaw l-ebda servigi skond il-Ligi, lil Grazzja Borg, omm l-attrici;

Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut George Mizzi fejn qal:

1. Illi l-azzjoni kif proposta hija irritwali peress li ma giex specifikat l-interess u l-kwalita gjuridika tal-attur George Sciberras;

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-atturi ma pprestaw l-ebda servigi skond il-ligi, lil Grazzja Borg, omm l-attrici;

Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-5 ta' Ottubru 1993 li permezz tieghu, in vista ta' l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, giet milqugha t-talba ta' l-atturi biex isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-citazzjoni u kull fejn jokkorru;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Leonard Spiteri fil-kwalita` tieghu bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu fejn qal:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt kemm ghaliex ma hemmx dritt ghal servigi meta r-relazzjoni bejn min jipprestohom u dak li jircevihom hija bejn omm u t-tfal kif ukoll ghaliex l-atturi ma pprestaw ebda servigi lill-omm l-atturi kif qeghdin jippretendu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu;

Rat id-digriet tat-23 ta' Novembru 1993 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bhala perit gudizzjarju;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fl-4 ta' Ottubru 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

Din hija kawza fuq servigi proposta minn wahda minn ulied id-*decuius* flimkien ma' zewgha kontra l-eredi l-ohra. L-atturi jsostnu li rrendew servigi lill-mejta Grazzja Borg tul perijodu ta' erbatax-il sena u ma gewx kumpensati.

Il-perit legali ezamina l-provi kollha (migbura principalment b'affidavit) u stqarr li l-iktar wiehed indikattiv ghaliex jirrifletti dak li normalment jigri fil-hajja huwa dak ta' l-attrici.

Grazzia Borg marret toqghod ma' l-atturi fl-1976 meta diga` kellha 73 sena u kwindi, ighid il-perit legali, wiehed jifhem li xi ftit ghajnuna kellha bzonn, jekk xejn ma kinitx toqghod wahedha ghaliex ma kinitx "ta' wahedha". Hija baqghet tghix ma' l-atturi sa xahrejn qabel ma mietet.

Huwa kkunsidra l-affidavits tal-konvenuti Spiteri li jghid li jixhdu li kif jigri hafna drabi ghalkemm baqghu f'relazzjoni tajba ma' l-omm u kultant kienu jehduha ghal xi jumejn ghandhom, ma kinux iqisu lil Grazzia Borg bhala xi problema taghhom u anke qishom jitkazaw ghaliex din waqghet fl-ahhar xhur ta' hajjitha u jghidu espressament li meta kienet maghhom qatt ma waqghet. Kif tajjeb osserva l-perit legali dan hu argument fallaci ghaliex huwa ovvju li ftit kien hemm cans li taqa' ghandhom anke mil-lat matematiku ladaraba kienet tghix ma' l-atturi u mhux maghhom.

Huwa jikkonkludi li mill-kumpless tal-provi ma hemmx dubju li l-atturi zammew lil Grazzia Borg maghhom ghal cirka erbatax-il sena meta din kienet diga` mara anzjana u kienu jiehdu hsieb l-oggetti essenzjali ghaliha, barra mill-fatt li kienu ta' wens ghaliha ghaliex ma hallewhiex wahedha. Anke x-xiehda ta' bint l-atturi hija konferma tal-limitazzjoni fuq l-attivita` familjari taghhom minhabba l-prestazzjoni tas-servigi.

L-atturi qalu li qatt ma gew kumpensati ghas-servigi minnhom rezi u l-konvenuti qajmu l-punt ta' l-introjti li kellha l-mejta u kwindi jsostnu li hija kkumpensathom b'dawn l-introjti. Il-perit legali jghid li l-konvenuti pero` ma ressqu l-ebda prova soddisfacenti li tali kumpens sar u l-oneru tal-prova kien fuqhom galadarba kienu qed jallegawh huma.

Il-kwistjoni l-ohra li kkunsidra l-perit legali kienet jekk ghandux ikun hemm il-prezunzjoni tal-gratwita` fl-ghoti tas-servigi. Fil-fatt din hija kwistjoni li anke giet dibattuta quddiem il-Qorti.

Fis-sentenza moghtija fis-6 ta' Ottubru 1954 fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et" (Prim'Awla, Vol. XXXVIII.ii.568) giet kristalizzata b'dawn il-kliem:

*"Illi minn zmien antik il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati rriteniet illi l-kumpens ghas-servigi jista' jkun dovut mhux biss 'jure actionis', jew meta jkun pattwit, imma wkoll 'officio judicis', jew meta mic-cirkostanzi jkun jidher car illi min jippresta s-servigi kellu l-hsieb li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni tas-servigi mhix prezunta illi tkun saret gratuwitament; u l-intenzjoni tal-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment; Il-prezunzjoni tan-'non-gratuwita`' fil-gurisprudenza anterjuri giet sostitwita bil-prezunzjoni kuntrarja fil-kaz ta' servigi prestati bejn parenti, fejn is-servigi gew ritenuti bhala prestati 'familiaritatis causa'.* ***Imma fil-gurisprudenza aktar recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`, sija pura minhabba relazzjonijiet ta' parentela*** *(P.A. 3.10.1935 'Mifsud vs Briffa'; 12.12.1935 'Farrugia vs Caruana')".*

F'dan l-istess sens insibu wkoll per ezempju "Gio Maria Zammit et vs Avv. Dr. Joseph Vella noe" deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Dicembru 1958 (Vol. XLII.i.621), "Mary Grace Attard et vs Rosario Attard" deciz mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Ottubru 1989 (Vol. LXXIII.ii.396) u "Alfred Caruana et vs Paul Farrugia et" deciz mill-Prim'Awla fit-2 ta' Ottubru 1996 (Vol. LXXX.iii.1280).

F'dan il-kaz il-perit legali qal li ghalkemm huwa veru li hemm dmir ta' l-ulied li jiehdu hsieb il-genituri taghhom, fl-istess waqt fid-dinja tallum hu naturali li wiehed jikkonkludi li anke f'servigi rezi mill-ulied, il-prezunzjoni hija li l-istess ulied ikunu qed jaghmlu dawn is-servigi verament b'sens ta' dover izda fl-istess waqt ikunu qed jippretendu li dan is-sens ta' dover jigi premjat. Meta mbaghad, kif gara f'dan il-kaz, mal-mewt tal-genitur jiskopru li ma hallithomx preferuti, ihossuhom li gew privati minn xi haga u ghalhekk huwa sew li jinghatalhom kumpens.

Fil-likwidazzjoni tal-kumpens, il-perit legali kkunsidra li s-servigi kienu ta' natura kostanti u li filwaqt li fil-bidu l-mejta ma kellhiex xi bzonnijiet partikolari nonostante l-eta` avvanzata taghha, aktar 'il quddiem id-diffikoltajiet zdiedu sew. Ghalhekk anke tenut kont ta' l-inflazzjoni minn dak iz-zmien, huwa llikwida l-kumpens fl-ammont ta' Lm2,800.

Fid-dawl tal-provi li tressqu u tal-gurisprudenza fuq citata l-Qorti tikkondividi l-konkluzjonijiet raggunti fir-rapport peritali inkluz l-ammont likwidat;

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-atturi pprestaw servigi lil Grazzja Borg u ghalhekk huma ntitolati ghall-kumpens,
(2) tillikwida l-ammont dovut lill-atturi in linea ta' kumpens ghas-servigi minnhom rezi fl-ammont ta' Lm2800, u
(3) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dan l-ammont ta' Lm2800 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Onor Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur